MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Numru. 263/2014

**Il-Pulizija**

**Spettur Caroline Fabri**

**vs**

**Anthony Mario Micallef**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Anthony Mario Micallef ta' 19 –il sena, bin Alfred u Grace nee Dalli, imwieled Pieta' fl-1 ta' Marzu, 1994, residenti gewwa l-fond numru 40, Triq San Guzepp,

Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' numru 154894(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-1 ta' Jannar, 2014 gewwa Triq Ghar Dalam, Birzebugia ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu (10:00hrs):

Ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Alfred Micallef, numru tal-karta ta' l-identita' 632652M skond kif iccertifikat minn Dr Alicia Dimech (med reg 5426) u Grace Micallef, numru tal-karta ta' l-identita' 126051M skond kif iccertifikat minn Dr Geoffrey Bonnici (med reg 3214) it-tnejn mill-iSptar Mater Dei.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta' Marzu, 2014 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-8 ta' Mejju, 2014 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghet il-provi;

Semghet it-Trattazzjoni finali maghmula mill-Parte Civile u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw incident stradali li sehh fis-19 ta' Jannar, 2014 ghall-habta tal-10:00am fi Triq Ghar Dalam Birzebugia fejn l-imputat li kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAE 801 tilef il-kontroll tal-vettura meta skidja waqt li kien qed jimmanuvra liwja fi-triq u habat f' hajt. Fil-vettura misjuqa mal-imputat kien hemm bhala passiggiera missieru u ommu Alfred u Grace Micallef li spiccaw soffrew griehi ta' natura gravi bhala konsegwenza tal-incident.

Ikkunsidrat:

Illi jibda sabiex jinghad li l-akkuza f' dan il-kaz giet redatta b' mod kemm xejn infelici stante li gie ndikat li fid-data, lok u hin indikati l-imputat ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Alfred u Grace Micallef u dan minghajr ma gie ndikat jekk effettivament huwa qed jigi akkuzat li kkaguna dawn il-griehi b' mod volontarju jew Involontarju. Trattandosi ta' ncident stradali wiehed bilfors jikkonkludi li l-akkuza tirreferi ghal griehi kagunati b' mod involontarju minhabba mperizja, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Illi ghalhekk f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni kellha tipprova li l-incident stradali de quo u l-griehi ta' natura gravi konsengwenzjali gew kagunati minhabba imperizja, traskuragni jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Illi qabel xejn irid jigi precizat li l-allegati vittmi f' dan il-kaz irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali fil-konfronti tal-imputat u trattandosi ta' ommu u missieru ghazlu li ma jixhdux fil-konfronti tieghu.

Illi sa mill-bidu nett u cioe' anki a tempo vergine skond ma jirrizulta mill-okkorrenza nserita a fol. 37 et sequitur tal-atti processwali u mill-istqarrija nserita a fol 4 u 5 tal-atti processwali l-imputat dejjem qal li huwa kien qed isuq b' velocita' normali u spicca skidja waqt li kien qed jimmanuvra liwja minhabba li t-triq kienet imxarba ghaliex kienet ghamlet ix-xita. Meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2014 huwa spjega li kien qed isuq b' velocita' ta' madwar 40 kilometru fis-siegha u li meta nizel mill-vettura huwa nduna li kien hemm xi likwidu fit-triq li ma setax jinduna bih waqt li qed isuq li geghlu jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu.

Illi PS 1433 James Saliba li kien is-Surgent li nvestiga l-kaz ikkonferma li meta mar fuq il-post it-triq kienet imxarba u tizloq. Meta l-Qorti ezaminat l-iskizz imhejji mis-Surgent setghet tikkonstata li ma hemmx skid marks li jindikaw li l-imputat kien qed isuq b' velocita' eccessiva fic-cirkostanzi. Il-Qorti setghet ukoll tinnota li l-hsara fil-vettura tal-imputat kif ukoll fil-hajt li dahal fih kienu de minimis u dan huwa prova ulterjuri li l-imputat kien qed isuq b' velocita' moderata u li huwa skidja minhabba xi haga accidentali u lil hinn mill-kontroll tieghu. Fil-fehma tal-Qorti f' dan il-kaz il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-incident awtomobilistiku de quo sehh minhabba xi mperizja, traskuragni, sewqan perikoluz jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------